A.L. 448 ta' l-2004

ATT DWAR L-AVJAZZJONI ĊIVILI
(KAP. 232)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti Ekonomiċi ta' l-Ajruport

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, il-Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti Ekonomiċi ta' l-Ajruport u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti Ekonomiċi ta' l-Ajruport ta' l-2001, hawnhekk aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 299 ta' l-2001.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru, 2004.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minflok it-tifsira "rata ta' inflazzjoni" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:-

" "rata ta' inflazzjoni" tfisser ir-rata ta' inflazzjoni kif stabbilita mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika u mibgħuta bil-miktub lill-President tal-Bord Regolatorju tat-Tariffi Ajruportwali.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-paragrafu (a) tas-subregolament (4) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

" (a) It-tariffi ajruportwali għall-perjodu li jtemm fil-31 ta' Marzu 2007 jistgħu jiżdiedu fl-1 ta' April ta' kull sena b'mhux aktar mir-rata ta' inflazzjoni fil-perjodu ta' sena li jtemm fit-30 ta' Settembru tas-sena preċedenti nieqes 0.5%, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-formula". Wara dik id-data t-tariffi ajruportwali jistgħu jitħallew jiżdiedu jew ikunu meħtieġa jitnaqqsu għal perjodi ta' ħames snin fl-1 ta' April ta' kull ħames sena b'ammont perċentwali li jkun ugwali għar-rata ta' l-inflazzjoni fil-perjodu ta' ħames snin li jtemm fit-30 ta' Settembru tas-sena preċedenti u kif aġġustat skond il-paragrafu (b) ta' dan is-subregolament.".